VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,771, 2 ta' Lulju, 2011
Taqsima B

A.L. 265 tal-2011

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2011 li Jħassru r-Regolamenti dwar Tabella tal-Ħinijiet għas-Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Transport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li Jħassru r-Regolamenti dwar Tabella tal-Ħinijiet għas-Servizzi tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-3 ta' Lulju, 2011.

Iħassar ir-Regolamenti dwar Tabella tal-Ħinijiet għas-Servizzi tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex. A.L. 122 tal-1976.

2. Ir-Regolamenti tal-1976 dwar Tabella tal-Ħinijiet għas-Servizzi tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex huma b'dawn imħassra.